# ID-DAWL

ĠUNJU 2026 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 102

**"Żgur li Alla ma jħallix li jintilef il-premju ta' dawk li jagħmlu t-tajjeb."**



L-Iżlam u l-Vjolenza? | Il-Premju tal-Ġusti | L-Għan tal-Moskej | L-Istrumenti Mużikali

Editorjal

# L-Iżlam jippromwovi l-vjolenza?

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Ħafna mir-retorika negattiva dwar l-Iżlam fil-midja hija ċċentrata fuq il-preżunzjoni li l-Iżlam inerenti jippromwovi l-vjolenza. Mingħajr ebda għarfien attwali tat-tagħlim Iżlamiku, dawk li jikkritikawh jiddependu fuq informazzjoni żbaljata, biex jikkritikaw reliġjon li isimha stess ifisser ‘paċi’. Għal għexieren ta’ snin, il-Qdusija Tiegħu ħadem bla heda biex jelimina kwalunkwe kunċett negattiv dwar l-Iżlam, speċjalment dawk ibbażati fuq nuqqas komplet ta’ għarfien dwar it-tagħlim veru u sabiħ tal-Iżlam. Darba, waqt li kien qed jindirizza l-allegazzjonijiet li l-Iżlam huwa reliġjon vjolenti, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, qal:

“Spiss jiġi allegat li l-Iżlam huwa reliġjon ta’ vjolenza jew gwerra, iżda l-verità hi, u huwa ddikjarat fil-Koran Imqaddes, li l-permess biex wieħed jiġġieled lura ngħata sabiex jiġu stabbiliti u ppreservati l-prinċipji tal-libertà tat-twemmin u tal-libertà tal-kuxjenza għall-umanità kollha. Il-Koran jiddikjara li kieku l-Musulmani ma ddefendewx lilhom infushom kontra l-armata tal-Mekka, kieku l-ebda knisja, sinagoga, tempju, moskea jew kwalunkwe post ieħor ta’ qima ma kien ikun sigur, għaliex l-avversarji tal-Iżlam kienu determinati li jeliminaw kull forma ta’ reliġjon.

Fir-realtà, jekk il-Musulmani tal-bidu daħlu fi gwerra, dan kien dejjem difensiv u ġġieled għall-fini li tiġi stabbilita paċi fit-tul u biex jiġi protett id-dritt tan-nies kollha li jgħixu bil-libertà.

**ID-DAWL**

ĠUNJU 2026 – Numru 102 – Pubblikazzjoni ta’
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

INDEX

**Does Islam promote violence?** 02
**The reward of the righteous** 04
**The purpose of mosques** 06
**The musical instruments** 08

www.ahmadiyya.mt/id-dawl Qoxra: Sharif Putra/Shutterstock.com

Jekk illum hemm Musulmani li adottaw tattiki estremisti jew li jippritkaw il-vjolenza, dan għaliex abbandunaw it-tagħlim tal-Iżlam jew huma kompletament injoranti dwaru. Fejn individwi jew gruppi jwettqu t-terroriżmu, dan ikun sabiex jiksbu l-poter jew jarrikkixxu lilhom infushom. Bl-istess mod, fejn pajjiżi jadottaw policies inġusti u estremi, l-għanijiet tagħhom huma dejjem marbuta mal-kisba ta' benefiċċju ġeopolitiku u mal-affermazzjoni tad-dominanza tagħhom fuq oħrajn. L-imġiba tagħhom m'għandha x'taqsam xejn mal-Iżlam.

Il-Koran Imqaddes jiddikjara b'mod ċar ħafna li m'għandu jkun hemm l-ebda sfurzar fi kwistjonijiet ta' fidi. L-Iżlam jipprojbixxi lill-Musulmani mill-aggressjoni u għalhekk il-Qaddis Profeta tal-Iżlam (is-sliem għalih) u l-erba' Kalifi tiegħu mmexxija bir-raġuni qatt ma fittxew gwerra jew vjolenza, u, f'kull ħin, fittxew il-paċi u r-rikonċiljazzjoni u għamlu sagrifiċċji bla għadd għall-kawża tagħha."

*(Meħud mid-diskors fil-Kwartieri Ġenerali tal-UNESCO f'Pariġi, Franza, 8 ta' Ottubru 2019)*

## Ċelebrazzjoni ta' Eid-al-Adha




Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta organizzat laqgħa fl-okkażjoni ta' Eid-al-Adha (il-Festa tas-Sagrifiċċju) nhar is-Sibt, 13 ta' Ġunju 2026. L-għan tal-attività kien li ssaħħaħ ir-rabtiet ta' ħbiberija bejn nies minn komunitajiet differenti, tippromwovi fehim reċiproku, u tispira lil dawk kollha preżenti biex ikunu ambaxxaturi tal-paċi, tal-kompassjoni u tas-servizz lill-umanità.




# Il-premju dejjiemi tal-ġusti

FS Stock/Shutterstock.com

Il-Koran Imqaddes jippreżenta prinċipju profond u ta' tama għal dawk li jagħżlu li jgħixu ħajja ta' pjetà, tjieba u integrità morali, filwaqt li josservaw b'fedeltà l-kmandamenti ta' Alla.

Fid-dinja materjalistika tal-lum, kultant jitqies li min jgħix ħajja spiritwali qed jiċħad lilu nnifsu l-pjaċiri u s-suċċessi tad-dinja. Madankollu, din il-perċezzjoni tinjora verità aktar profonda. Il-pjaċiri tad-dinja huma temporanji, filwaqt li l-paċi ta' ġewwa u t-twettiq li jirriżultaw minn ħajja spiritwali u morali jistgħu jkunu dejjiema.

Barra minn hekk, Alla ma jħallix it-tajjeb magħmul mill-qaddejja Tiegħu jintilef. Il-Koran Imqaddes (9:120) jgħid: **"Żgur li Alla ma jħallix li jintilef il-premju ta' dawk li jagħmlu t-tajjeb."**

Manifestazzjoni ta' dan il-premju hija l-unur li bih il-ġusti jibqgħu mfakkra minn ġenerazzjoni għal oħra. Il-wirt tagħhom ma jitkejjilx fil-ġid jew fil-poter, iżda fl-impatt li jħallu fuq il-qlub tal-bnedmin.

Il-Profeti ta' Alla għexu ħajjiet ta' fidi u tjieba, ħafna drabi quddiem provi u tbatijiet kbar. Minkejja dan, baqgħu sodi fid-devozzjoni tagħhom. Għalhekk, is-sagrifiċċji tagħhom ma kinux għalxejn, iżda wasslu għal unur u barkiet dejjiema.

B'kuntrast, ħafna slaten u konkwistaturi li għexu għall-poter u l-qligħ tad-dinja spiċċaw minsija jew imfakkra b'disprezz. Min illum jiftakar lil Ċesri jew lil Chosroes b'devozzjoni? Min-naħa l-oħra, Ġesù Kristu u l-Qaddis Profeta Muħammad (il-paċi tkun fuqhom) jibqgħu meqjuma bi mħabba u rispett minn miljuni madwar id-dinja, li jistinkaw biex isegwu t-tagħlim tagħhom.

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana spjega li l-Messaġġiera ta' Alla spiss kellhom jabbandunaw il-kumdità u l-lussu għall-fini tal-verità divina. Dan ma jfissirx li l-maħbubin ta' Alla huma maħkuma mill-isfortuna. Pjuttost, hemm għan profond fit-tbatijiet tagħhom: dawn jistgħu jkunu mezz ta' tkabbir u rebħa.

Bħaż-żerriegħa li titħawwel fil-ħamrija, għal min iħares minn barra tista' tidher mitlufa. Madankollu, meta bidwi jipprepara l-art, jirfina l-ħamrija u jħawwel iż-żerriegħa fil-ħamrija, dan ma jkunx għalxejn, iżda sabiex il-bidwi jkun jista' jaraha tiffjorixxi, u sabiex kull waħda tinbidel f'elf oħra.

Għalhekk din hija l-liġi li Alla stabbilixxa għall-ġusti. Huma jbatu u jgħaddu minn diffikultajiet kbar, iżda joħorġu rebbieħa u kull min iħares jibqa' mistagħġeb. Minn dejjem, it-triq ta' Alla kienet li jpoġġi lill-qaddejja magħżula Tiegħu f'diffikultà kbira, mhux biex jgħarraqhom, iżda sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-perli li jinsabu fil-fond tal-oċean tal-għaqda divina.

Huma jidħlu fin-nar mhux biex jinqerdu, iżda sabiex tidher il-qawwa ta' Alla. Fl-aħħar mill-aħħar, mhux dawk li jidhru dominanti għal żmien qasir jirbħu, iżda l-qaddejja ta' Alla li jibqgħu fidili.

Għalhekk, il-Koran Imqaddes jikkonferma (7:129): **"It-tmiem pjaċevoli huwa dak tal-ġusti, it-twajba u dawk li jibżgħu minn Alla."**

# L-għan tal-moskej




Fid-dinja tal-Punent, ħafna nies jistaqsu dwar l-għan tal-moskej fl-Iżlam u għaliex il-Musulmani huma tant dedikati biex jibnuhom. Fir-realtà, moskea hija ħafna aktar minn post ta' qima. Hija xempju ta' dawl u paċi li jippermetti lil dawk li jqimu mhux biss jgħaqqdu ruħhom mal-Mulej tagħhom, iżda wkoll isaħħu r-rabtiet tagħhom ma' xulxin.

Moskea tinkorpora l-valuri tal-paċi, is-sigurtà, l-għaqda, il-komunità, u l-fratellanza, filwaqt li tilqa' lin-nies, irrispettivament mill-fidi jew mit-twemmin tagħhom. Fuq kollox, tirrifletti l-prinċipju profond li l-qadi ta' Alla u l-qadi tal-umanità jimxu id f'id. Għalhekk, moskea mhijiex sempliċement bini; hija post fejn il-fidi tispira l-kompassjoni, il-komunità, is-servizz, u impenn lejn il-benesseri ta' oħrajn.

Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jispjega l-għan veru tal-moskej u jgħid:

"L-għan tal-moskea huwa li sservi bħala post sagru fejn in-nies jinġabru biex iqimu lil Alla. Barra minn hekk, kull fejn nibnu moskea, hija wkoll xhieda tal-impenn tagħna lejn il-ġirien tagħna u l-komunità lokali. Tabilħaqq, il-messaġġ dejjiemi li jinstema' b'leħen għoli mill-moskej kollha tagħna huwa li, fejn huma jservu bħala post biex iqimu lil Alla, huma jservu wkoll biex irawmu l-paċi, il-kompassjoni, u l-armonija madwar id-dinja…

Skont it-tagħlim tal-Iżlam, meta l-Musulmani Aħmadin jinġabru biex jitolbu għalihom infushom, huma għandhom ukoll jitolbu għall-paċi, il-benesseri, u s-sigurtà tan-nies kollha. Minħabba l-kunċett żbaljat dwar l-Iżlam, nifhem li xi nies fil-komunità jista' jkollhom riżervi jew ikollhom mistoqsijiet... Għalhekk, fil-bidu nett, ħalluni nassigurakom; il-moskej tagħna mhumiex mibnija biex jiżirgħu l-firda, id-diżordni, jew biex jinstigaw firda; pjuttost, huma xempji brillanti ta' paċi, imħabba u armonija, u jirriflettu l-valuri paċifiċi msejsa fil-fond tal-fidi tagħna.

Għalhekk, fi żmien il-Qaddis Profeta Muħammad (is-sliem għalih), grupp ta' nies malizzjużi bnew moskea b'intenzjoni ħażina biex joħolqu diżordni u jikkawżaw ħsara. Fuq dan, Alla, Dak li Jista' Kollox, ta struzzjonijiet lill-Profeta tal-Iżlam[sa] biex iwaqqa' dik l-hekk imsejħa moskea. Għalhekk, l-għan ta' moskea ma jitwettaqx permezz tal-kostruzzjoni fiżika tagħha; pjuttost, moskea sservi l-għan tagħha biss meta tintuża kemm għall-qima ta' Alla kif ukoll biex turi t-tagħlim veru tal-Iżlam tal-qalb tajba, l-imħabba, u l-kompassjoni għall-umanità kollha, u biex tinfirex il-paċi u s-sigurtà fis-soċjetà kollha.

Għalhekk, nerġa' ntenni li kull min jibża' li l-moskea tista' tagħmel ħsara lill-paċi u lill-benesseri tas-soċjetà għandu jkun ċert; it-tagħlim tal-Iżlam huwa tant paċifiku fih innifsu li dawk li jistinkaw biex isegwuh qatt ma jistgħu saħansitra jaħsbu dwar xi att ta' ħażen jew li jinċitaw il-firda. Barra minn hekk, abbażi tat-tagħlim, l-istorja, u l-prattika tagħna, aħna naffermaw li l-Komunità Ahmadiyya Musulmana dejjem kienet fuq quddiem nett fl-isforz għall-paċi fid-dinja. L-istorja tagħna turi li aħna dejjem sostnejna d-drittijiet tan-nies kollha. Dan irrispettivament mill-fidi jew mit-twemmin tagħhom... Huwa għaliex insegwu l-Iżlam."

*(Meħud mid-diskors fl-Inawgurazzjoni tal-Moskea Bait-ur-Raheem, Cardiff, Wales)*

# L-istrumenti mużikali huma pprojbiti fl-Iżlam?

Xi ħadd mis-Sirja kiteb lill-Kalif, fejn iddikjara li kien qed jitgħallem idoqq strument mużikali u staqsa jekk dan kienx ipprojbit [*haram*]. Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Kalif u l-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, ta t-tweġiba li ġejja għal din il-mistoqsija:

"Aħmadi għandu jidħol biss f'attivitajiet li huma ħielsa minn kwistjonijiet dubjużi li huma f'riskju ta' interpretazzjoni żbaljata. F'dan ir-rigward, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] iggwidana billi ddikjara li dak li huwa legali huwa ċar u dak li huwa illegali huwa ċar, u bejn it-tnejn hemm ċerti kwistjonijiet dubjużi li ħafna nies ma jagħrfuhomx b'mod korrett. Għalhekk, min jevita kwistjonijiet dubjużi jipproteġi l-fidi u l-unur tiegħu. U min jaqa' f'dawn il-kwistjonijiet dubjużi huwa bħal ragħaj li jirgħa l-merħla tiegħu qrib mergħa protetta u l-annimali tiegħu jistgħu f'kull mument jidħlu fiha. Oqogħdu attenti! Kull re għandu art protetta u l-konfini protetti ta' Alla fuq l-art huma l-affarijiet li Huwa pprojbixxa.

*(Sahih al-Bukhari, Kitab al-iman, Bab fadli mun istabra'a li dinih)*

"Għalhekk, id-daqq ta' strumenti mużikali u t-tagħlim biex wieħed idoqqhom jaqa', fil-fehma tiegħi, fil-kategorija ta' kwistjonijiet dubjużi.

Għalhekk huwa aħjar li wieħed jevitah. Li wieħed idoqq strument mużikali d-dar kultant hija kwistjoni differenti; madankollu, it-tagħlim biex wieħed idoqq dawn l-istrumenti u mbagħad joħroġ idoqqhom fis-swieq, f'diversi attivitajiet u f'kunċerti jista' jiftaħ il-bieb għal ħafna impropjetajiet u jwassal lil dak li jkun għal diversi atti oħra ta' ħażen. Għalhekk ikun aħjar li wieħed joqgħod lura minnu."

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**